VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,349, 28 ta' Novembru, 2014
Taqsima B

A.L. 415 tal-2014

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg), hawn iżjed 'l quddiem imsejjħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 452.91.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolamenti (5), (6) u (7) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.